MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 100/2014

Il-Pulizija

vs

**Joseph Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Balzan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2013 sa Settembru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Jacqueline Balzan u/jew lil uliedu s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta’ Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat l-ammissjoni, l-Qorti sabet lill-istess imputat Joseph Balzan hati skont l-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu piena ta’ xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Balzan minnu pprezentat fit-12 ta’ Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha TIBDEL, TIRRIFORMA U TIMMODIFlKA s-sentenza appellata,

billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjem, u tikkonfermaha mill-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-esponenti ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-imputat u stante li l-prigunerija tista' tkun ta' detriment ghall-impjieg tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta odjerna l-appellant ikkonsenja lill-parte civile is-somma ta' elf dissa' mija u sittin euro (€1,960) ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-appellant Joseph Balzan u tikkonferma s-sentenza appellata ghajr ghal piena.  Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' xahrejn prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------